MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 77/2005

**Maltacom plc. ( C-22334)**

**Vs**

**Joseph Desira (ID 279577)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li bih talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta’ hames mija u tnax il-lira, sitta u tmenin centezmu (Lm512.86), in konnessjoni ma’ danni fuq infrastruttura tas-socjeta’ attrici fil-Coast Road ta’ Bahar ic-Caghaq minnu kkawzati matul ix-xahar ta’ Marzu, 2003;

Is-socjeta’ attrici iddikjarat li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, izda huwa baqa’ inadempjenti;

Ra r-risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li hu mhux il-legittimu kontradittur, stante li ma kienx qed jagixxi f'ismu personali, izda fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' illi kienet inkarigata mix-xogholijiet;

Eccepixxa ukoll illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li mhux responsabbli ghall-hsara kif ukoll illi l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u mhux fondat;

Ra x-xhieda ta' Dr.Keith Grech li ghamel referenza ghall-*file* tal-konvenut li jgib in-numru GT3/2003/15 minn fejn seta' jiddikjara li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tnax-il lira Maltin sitta u tmenin centezmu (Lm512.86c), in konnessjoni ma' hsarat minnu kkagunati f'*cables* tat-telephone, proprjeta' tas-socjeta' attrici, fil-Coast Road Bahar ic-Caghaq. Dan kollu gara f'Marzu, 2003;

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil, li jokkupa l-kariga ta' *Senior Technical Officer* mas-socjeta' attrici. Huwa ikkonferma li kienu saru xi hsarat fil-*cables* telefonici tas-socjeta' attrici u dan minhabba xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut ghad-Direttorat tat-Toroq;

Ix-xhud jikkonferma ukoll li s-socjeta' attrici ma kienitx giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista' jsir u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka il-post fejn kienu jinstabu l-*cables* jew informazzjoni tal-istess tip;

Ra x-xhieda ta' Anthony Grech, *senior technical officer* mas-socjeta' attrici u li kkonferma dak li kienu qalu x-xhieda ta' qabel u esebixxa xi ritratti sabiex jindika l-hsara li kienet saret fil-*cables*;

Ra x-xhieda ta' l-inginier Ronald Cuschieri, impjegat bhala *Zone Ingineer* mas-socjeta' Wirenet Ltd, kumpanija sussidjarja tas-socjeta' attrici, li filwaqt li kkonferma l-istess fatti bhal dawk tax-xhieda ta' qablu, zied ighid li fis-

26 ta' Marzu, 2003 kien sar rapport fl-Ghassa ta' San Giljan;

Ighid ukoll li l-ammont dovut ta' hames mija u tnax-il lira Maltin sitta u tmenin centezmu (Lm512.86) huwa kompost minn tnejn u disghin lira Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm92.94) bhala spejjes materjali u tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm353.03) bhala spejjes ta' *mano d'opera*, kif ukoll sitta u sittin lira u disa' u tmenin centezmu (Lm66.89) bhala VAT dan kollu skond kif jirrizulta mill-fattura 12933 datata 21 ta' Awissu, 2003;

Ra x-xhieda ta' Ray Cachia, *officer in scale 13/12* mas-socjeta' attrici li kkonferma li kienet harget fattura bin-numru 12933 fl-ammont ta' hames mija u tnax-il lira Maltin sitta u tmenin centezmu (LM512.86) fil-konfront tal-konvenut;

Jikkonferma li dan l-ammont kien dovut minhabba hsarat ikkawzati lill-*cables* tal-istess socjeta' matul ix-xahar ta' Marzu, 2003. Izid ighid ukoll li dan il-kont ghadu pendenti sa' llum;

Ra x-xhieda ta' PS78 Joseph Cremona li esebixxa r-rapport li sar minn Anthony Grech ghan-nom tas-socjeta' attrici dwar l-incident li sehh f'Bahar ic-Caghaq – Dokument JC1. Jikkonferma ukoll illi kienu baghtu ghall-konvenut li kien stqarr mieghu li waqt li kien qieghed ihaffer, incidentalment laqghat *cable* u dan spara. Jikkonferma li kien dispost li jhallas ghall-hsara. Fil-fatt esebixxa l-i*statement* ta' l-istess Desira;

Ra x-xhieda ta' Joseph Desira li ighid li s-socjeta' Road Maintenance Services Limited kienet giet inkarigata mid-Dipartiment tat-Toroq sabiex taghmel xi xogholijiet fil-Coast Road ta' Bahar ic-Caghaq;

Jispjega li x-xoghol kellu jsir f'li jinbarax il-wicc tat-triq u kellu jsir wicc gdid u minhabba l-livell tax-xoghol ma setax jipprevedi li jsib *cables* ghaliex skond l-i*standards* ta'l-Awtorita' tat-Trasport, il-*cables* ghandhom ikunu f'fond ta'

mhux anqas minn zewg piedi. Ghalhekk ir-responsabbilita' kienet da parti tas-socjeta' attrici;

Il-konvenut jinsisti li mhuwiex minnu li qatt ma ta' risposta ghall-kont li kien ircieva, anzi kien baghat ittra lis-socjeta' attrici fejn talab spjegazzjoni tal-kont, ghaliex sabiex issewwew il-hsarat huwa minnu li s-socjeta' kienet ipprovdiet il-pajpiet u l-*cables*, pero' l-kumpanija tieghu kienet hadet hsieb ix-xogholijiet ta' infrastruttura bhal ftuh u eghluq tat-trinek u t-tqeghid u rdim tal-*cables* u pajpijiet;

Is-socjeta' attrici kienet baghtet haddiem wiehed li kien ghaqqad il-*wires;*

Ghalhekk, il-konvenut qed jikkontesta l-ammont ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm353.03) ghal-spejjes ta' *mano d'opera* kienet wahda ingusta meta kienu ghamlu hafna mix-xoghol huma u mhux s-socjeta' attrici, kif ukoll kienu pprovdew il-konkos biex tintradam it-trinka. Inoltre, s-socjeta' attrici naqset milli taghti gustifikazzjoni fuq dan il-kont;

Il-konvenut ihoss li hu diga' kien ghamel tajjeb ghall-hsara, meta ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens mal-pulizija u dan minhabba li x-xogholijiet kienu saru mill-kumpanija tieghu;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra

L-ewwel eccezzjoni li jrid jiddeciedi dan it-Tribunal hija l-kwistjoni jekk l-konvenut huwiex l-legittimu kontradittur f'din il-kawza jew le. Hu jghid li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta Road Maintenance Services Ltd. u li l-istess socjeta' kienet qed taghmel xi xogholijiet ghad-Direttorat tat-Toroq. Il-konvenut ighid li kien qed jagixxi fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-istess socjeta'. Madanakollu, mill-provi mressqa ma giex soddisfacentement ippruvat f'liema kapacita' kien qed jagixxi l-konvenut. Jekk kien direttur ma gabx prova in sostenn ta' dan. Anqas gab xi provi biex jindika li kien hemm xi kuntratt jew dokumentazzjoni ohra

biex turi r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' li allegatament kien qed jipprezenta jew d-Direttorat tat-Toroq;

Inoltre irrizulta mill-provi li Desira ghamel ammissjoni quddiem il-pulizija, wara li dawn rcevew rapport mill-*foreman* tas-socjeta' attrici. L-istess dikjarazzjoni li ffirma (a fol.41 tal-process) ma twassalx lit-Tribunal biex jifhem li kien qed jaghmel ammissjoni f'xi kapacita' rapprezentativa tas-socjeta' Road Maintenance Services Ltd;

Il-fehma tat-Tribunal, fl-ewwel lok hija li fl-assenza ta' prova dwar din il-kapacita' rapprezentativa, kwalunkwe ammissjoni da' parti tal-konvenut qatt ma tista' torbot lis-socjeta' li semma u ghalhekk la saret din l-ammissjoni, din torbot biss lill-konvenut Desira. In mankanza ta' provi ohra, ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni ghandha u qed tigi respinta;

Dwar it-tieni eccezzjoni hemm ammissjoni da parti tal-konvenut. Anki jekk dan ma kienx minnu, xorta wahda, kien ikun difficli ghat-Tribunal jistabilixxi ir-responsabbilita' mod iehor u dan peress il-prassi ghall-progetti, mertu tal-kaz odjern, jirrikjedi li l-kuntrattur jissottometti ***"applikazzjoni mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni - Dipartiment tat-Toroq, ghal permess mehtieg. Din l-applikazzjoni tigi cirkolata ma' diversi dipartimenti jew entitajiet li jista' jkollhom xi apparat fis-sottosuolo sabiex ittiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex ma ssirx hsara fl-apparat."*** **– Maltacom plc. vs Philip Agius & Sons Ltd. (02.10.02 AMagri – 1370/01);**

Wara, jigi ffirmat kuntratt bejn il-partijiet, fejn fost affarijiet ohra jigi stipulat li s-socjeta' attrici ghandha l-obbligu li tindika fuq is-superfici tat-triq b'mod kemm jista' jkun ezatt, l-posizzjoni tat-*Telecommunications infrastructure* ezistenti. Biss l-istess socjeta' ma taghti ebda garanzija li dawn l-marki li jsiru mill-impjegati taghha jkunu ezatti.

F'dan il-kaz partikolari, jidher u gie kkonfermat miz-zewg partijiet li l-applikazzjoni opportuna ma saritx u lanqas ma

gie ffirmat xi ftehim per konsegwenza bir-rizultat illi ghalhekk l-ebda rapprezentant tas-socjeta’ attrici ma kien prezenti fuq il-post sabiex jaghmel il-marki ta’ fejn kienu jinstabu l-*cables*, qabel ma jsir it-thaffir;

Il-konvenut jikkonferma li kien ikkaguna l-hsara fil-*cables* waqt li kien qed ihaffer, pero’ jispjega li x-xoghol kellu jsir f’li jinbarax il-wicc tat-triq u kellu jsir wicc gdid u minhabba l-livell tax-xoghol ma setax jippretendi li jsib *cables* ghaliex skond l-i*standards* ta’l-Awtorita’ tat-Trasport, il-*cables* ghandhom ikunu f’fond ta’ mhux anqas minn zewg piedi;

Qed jigi sottomess mill-konvenut ghalhekk li r-responsabbilita’ kienet tas-socjeta’ attrici stante li l-*cables* ma kienux jinstabu f’fond regolamentari;

Mill-kuntratt esebit mis-socjeta’ attrici jirrizulta li l-*cables* li jitpoggew taht l-art ghandhom ikunu fil-fond ta’ bejn pied u nofs u zewg piedi mill-wicc tat-triq. Mill-banda l-ohra, tiehu posizzjoni fejn l-konvenut ma ffirma l-ebda kuntratt mas-socjeta’ attrici, fejn talvolta jidhol dan l-obbligu tal-fond regolamentari. Il-provi jindikaw li l-konvenut kellu l-ewwel jottempera ruhha mal-procedura ghall-“excavation works,” qabel ma jqajjem kontestazzjonijiet ta’ dan it-tip. Jibqa’ invece illi l-konvenut ikompli jistrieh fuq l-eccezzjoni ta’ non-responsabbilita’ meta fl-istess waqt hemm ammissjoni da parti tieghu fuq r-responsabbilta’ tieghu ghad-dannu kagonat. Il-fehma tat-Tribunal, pero’, hija li s-sottomissjoni tal-konvenut hija bla bazi;

Jibqa’ ghalhekk tigi deciza it-tielet eccezzjoni tal-konvenut,li biha qed jkkontesta l-ammont tad-danni, in kwantu huwa eccessiv. Is-socjeta’ attrici qed titlob risarciment fl-ammont ta’ hames mija u tnax-il lira Maltin sitta u tmenin centezmu (Lm512.86), kompost minn tnejn u disghin lira Maltin u erba’ u disghin centezmu (Lm92.94) bhala spejjes materjali u tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm353.03) bhala spejjes ta’ *mano d’opera*, kif ukoll sitta u sittin lira u disa’ u tmenin centezmu (Lm66.89) bhala VAT, dan kollu skond kif jirrizulta mill-fattura 12933 datat 21 ta’ Awissu, 2003;

Il-konvenut jikkontesta l-"ispejjes ta' *mano d'opera* u dan stante li s-socjeta' attrici kienet ipprovdiet il-pajpiet u l-*cables*, pero' l-kumpanija tieghu kienet hadet hsieb ix-xogholijiet ta' infrastruttura bhal ftuh u eghluq tat-trinek u t-tqeghid u rdim tal-*cables* u pajpiet. Oltre minn hekk l-konvenut ighid li l-kumpanija kienet ipprovdiet ukoll il-konkos biex tintradam it-trinka. Inoltre, s-socjeta' attrici naqset milli taghti gustifikazzjoni fuq dawn l-ispejjes u ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li ghandu jaccetta l-verzjoni tal-konvenut u cioe' li l-ammont tad-danni mitlub huwa eccessiv u dan minhabba nuqqas ta' provi tal-istess socjeta' attrici;

L-unika referenza u prova dwar xi spejjes ta' *mano d'opera* li sar mis-socjeta' hija dik tal-konvenut li jispjega li s-socjeta' attrici kienet baghtet persuna wahda biss biex ighaqqad il-*wires* li zgur ma jwasslax ghal ammont rikjest u lanqas pero' ma gabu provi ta' l-ispejjes ghal din il-persuna u ghalhekk huwa difficli ghat-Tribunal li jaghmel kalkolazzjoni ghal dan ix-xoghol li jidher minimu meta kkomparat ma' dak li ghamel il-konvenut. Pero' il-kontribuzzjoni tas-socjeta' attrici ma tistax tibqa' bla valur u it-Tribunal *arbitrio boni viri* qed jistabblixxi l-istess fl-ammont ta' hamsin lira Maltin (LM 50) bazat fuq kalkolu tax-xoghol delikat involut u d-durata tieghu;

L-ammont ghandu jkun limitat ghal tnejn u disghin lira Maltin erbgha u disghin centezmu (Lm92.94) ghall-materjal u tlettax il-lira (Lm13) Vat;

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici in parte u jordna l-konvenut ihallas is-somma ta' tnejn u disghin lira Maltin erbgha u disghin centezmu (Lm92.94), hamsin lira Maltin (Lm50) ghal *mano d'opera,* ghall-materjal u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erba u erbghin centezimu (Lm 21.44) Vat.

L-ispejjes rigwardanti l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ikun a kariku tieghu mentri l-ispejjes l-ohra jigu sopportati bejn il-partijiet skond ir-rebh u t-telf - l-imghax mid-data ta' l-interpellazzjoni sa' dik tal-pagament effettiv mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------